

Brussell, 30 ta' Marzu 2017  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0056 (COD)**

---

---

**7833/17**  
**ADD 1**

**PECHE 128**  
**CODEC 516**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Marzu 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 128 final - ANNEXES 1 to 13
Suġġett:	ANNESI tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO)

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2017) 128 final - ANNEXES 1 to 13.

---

Mehmuż: COM(2017) 128 final - ANNEXES 1 to 13



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.3.2017  
COM(2017) 128 final

ANNEXES 1 to 13

## ANNESI

**tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO)**

## ANNEX I

### L-istandards tal-piżijiet tal-lett

Il-bastimenti jridu jużaw reġim ta' piżijiet tal-konzijiet li jikseb rata ta' veloċità minima ta' immersjoni tal-konzijiet, li tista' tintwera, ta' 0.3 metru/sekonda għal fond ta' 15-il metru għal kull irkaptu. B'mod partikolari:

a) il-piżijiet mal-lett esterni fis-sistema Spanjola u l-linji tat-trot iridu jużaw massa minima ta' 8.5 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m jekk jintuża l-ġebel, massa ta' 6 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 20 m għall-piżijiet tal-konkrit, u piżijiet ta' 5 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m, għall-piżijiet tal-metall solidu;

b) il-piżijiet mal-lett esterni f'linja awtomatika jridu jużaw massa ta' mill-anqas 5 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m, u jridu jiġu mitluqa mill-bastimenti b'mod li jevita t-tensjoni fuq wara tal-bastiment (it-tensjoni fuq wara tista' terfa' 'l barra mill-ilma xi sezzjonijiet mill-konz li jkunu diġà ġew skjerati);

c) il-piżijiet mal-lett interni jrid ikollhom qafas taċ-ċomb ta' mill-inqas 50 g/m.

## ANNEX II

### L-ispeċifikazzjonijiet għal-lettijiet bin-naffara

Iridu jinġarru f'kull ħin żewġ lettijiet bin-naffara u jridu jiġu skjerati kull darba li l-irkaptu jiġi kalat mill-bastiment. B'mod partikolari:

a) il-lettijiet bin-naffara jridu jitwaħħlu mal-bastiment b'mod li meta jiġu skjerati l-lixkiet ikunu protetti mil-lettijiet bin-naffara, anke f'irjeh transversali;

b) il-lettijiet bin-naffara jridu jużaw naffara b'kuluri vivaċi li jkunu twal biżżejjed biex jilhq u l-wiċċ tal-baħar f'kundizzjonijiet kalmi ("naffara twal") li jitpoġġew f'intervalli ta' mhux aktar minn 5 m għal tal-inqas l-ewwel 55 m tal-lett bin-naffara u jridu jitwaħħlu mal-lett bit-torniketti li jevita li n-naffara jitħabblu mal-lett;

c) il-lettijiet bin-naffara jistgħu jużaw ukoll naffara ta' mill-inqas 1 m ("naffara qosra") li jitpoġġew f'intervalli ta' mhux aktar minn 1 m;

d) jekk il-lettijiet bin-naffara jinkisru jew iġarrbu ħsarat waqt l-użu, dawn iridu jiġu msewwija jew sostitwiti sabiex il-bastiment jissodisfa dawn l-ispeċifikazzjonijiet qabel ma jintefgħu aktar snanar fl-ilma;

e) il-lettijiet bin-naffara jridu jiġu skjerati b'mod li:

i. jibqgħu 'l fuq mill-wiċċ tal-ilma meta s-snanar ikunu għerqu għal fond ta' 15 m, jew

ii. ikollhom tul minimu ta' 150 m meta jiġu estiżi u sospiżi minn punt fuq il-bastiment ta' mill-inqas 7 m 'il fuq mill-ilma fin-nuqqas ta' mewġ.

### **ANNEX III**

#### **L-ispeċifikazzjonijiet tan-naffara tal-għasafar**

In-naffara tal-għasafar jikkonsistu minn żewġ torrijiet jew aktar imwaħħla mal-kwart tal-poppa tal-bastiment, b'tal-inqas torri wieħed imwaħħal mal-kwart tal-poppa ta' bord il-lemin u tal-inqas torri wieħed imwaħħal mal-kwart tal-poppa bord ix-xellug.

- a) kull torri jrid jestendi minimu ta' erba' metri 'l barra mill-ġenb jew mill-poppa ftal-bastiment;
- b) it-torrijiet iridu jitwaħħlu qattara mhux aktar minn żewġ metri 'l bogħod minn xulxin;
- c) il-konijiet tal-plastik, il-bsaten jew materjal ieħor b'kulur vivaċi u li jservi għal żmien twil iridu jitwaħħlu mat-truf tal-qattara b'mod li l-qiegħ tal-kon, tal-bastun jew tal-materjal ma jkunx aktar minn 500 millimetru 'l fuq mill-ilma, fin-nuqqas ta' riħ u mewġ;
- d) jistgħu jitwaħħlu ħbula jew ċintorini bejn il-qattara sabiex jiġi evitat it-tħabbil.

### **ANNEX IV**

#### **Il-linji gwida għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' notifiki ta' skoperta ta' VMEs**

##### **1. Informazzjoni Ġenerali**

Tinkludi informazzjoni tal-kuntatt, in-nazzjonalità, l-isem (l-ismijiet) tal-bastimenti u d-dati tal-ġbir tad-dejta.

##### **2. Il-post tal-VME**

Indika l-pożizzjonijiet tal-bidu u tat-tmien tal-iskjeramenti kollha tal-irkaptu u l-osservazzjonijiet.

Ipprovdi mapep taż-żoni tas-sajd, inkluża l-batimetrija jew il-ħabitat sottostanti u l-iskala spazjali tas-sajd.

Indika l-fond ta' fejn qiegħed isir is-sajd.

##### **3. L-irkaptu tas-sajd**

Indika l-irkaptu tas-sajd li jintuża f'kull post.

#### **4. Id-dejta addizzjonali miġbura**

Indika d-dejta addizzjonali miġbura fi jew qrib il-postijiet fejn ikun sar is-sajd, jekk ikun possibbli.

Id-dejta bħall-batimetrija b'multibeam, id-dejta oċeanografika bħall-profilu CTD, il-profilu attwali, il-kimika tal-ilma, it-tipi ta' substrati rreġistrati fi jew qrib dawk il-postijiet, fawna oħra osservata, ir-reġistrazzjonijiet bil-vidjo, il-profilu akustiċi, eċċ.

#### **5. It-taxa tal-VME**

Għal kull stazzjon fejn ikun sar is-sajd, ipprova d-dettalji tat-taxa tal-VME osservati, inkluża d-densità relattiva tagħhom, id-densità assoluta jew in-numru ta' organiżmi jekk ikun possibbli.

### **ANNEX V**

#### **L-istandards għad-dejta tal-bastimenti**

1. L-elementi ta' dejta li għejjin iridu jinġabru skont l-Artikoli 14, 15 u 18.
  - i. Bandiera tal-bastiment attwali u isem il-bastiment
  - ii. Numru tar-reġistrazzjoni
  - iii. Is-sinjali internazzjonali tas-sejha bir-radju (jekk għandu)
  - iv. UVI (Identifikatur Uniku tal-Bastiment)/numru tal-OMI
  - v. Ismijiet Preċedenti (jekk magħrufa)
  - vi. Il-port tar-reġistrazzjoni
  - vii. Bandiera preċedenti
  - viii. Tip ta' bastiment
  - ix. Tip ta' metodu/metodi tas-sajd
  - x. Tul
  - xi. Tip ta' tul eż. "LOA", "LBP"
  - xii. Tunnellaġġ Gross – GT (li għandu jingħata bħala unità ppreferuta tat-tunnellaġġ)

- xiii. Tunnellaġġ gross irreġistrat – GRT (li għandu jingħata jekk il-GT ma jkunx disponibbli; jista' jingħata wkoll flimkien mal-GT)
  - xiv. Saħħa tal-magna/magni ewlenija (kw)
  - xv. Kapaċità tal-istiva (m<sup>3</sup>)
  - xvi. Tip ta' freezer (jekk applikabbli)
  - xvii. Numru ta' unitajiet tal-freezers (jekk applikabbli)
  - xviii. Kapaċità tal-iffriżar (jekk applikabbli)
  - xix. Tipi u numri tal-komunikazzjoni tal-bastiment (in-numri INMARSAT A, B u C);
  - xx. Dettalji tas-sistema tal-VMS (ditta, mudell, karatteristiċi u identifikazzjoni);
  - xxi. Isem tas-sid(ien)
  - xxii. Indirizz tas-sid(ien)
  - xxiii. Data tal-bidu tal-awtorizzazzjoni tal-bastiment
  - xxiv. Data tat-tmiem tal-awtorizzazzjoni tal-bastiment
  - xxv. Ritratt tal-bastiment ta' kwalità tajba u riżoluzzjoni għolja, ta' luminożità u kuntrast xierqa, li ma għandux aktar minn 5 snin, li jrid jikkonsisti minn:
    - ritratt wieħed mhux iżgħar minn 12 x 7 cm li juri bord il-lemin tal-bastiment u t-tul kollu u l-karatteristiċi strutturali kollha tiegħu;
    - ritratt wieħed mhux iżgħar minn 12 × 7 cm li juri bord ix-xellug tal-bastiment u t-tul kumplessiv sħiħ tiegħu u l-karatteristiċi strutturali kollha tiegħu;
    - ritratt wieħed mhux iżgħar minn 12 × 7 cm li juri l-poppa, meħud direttament minn wara;
2. Jekk disponibbli għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja, meta jkun prattikabbli:
- i. Il-marki esterni (bħall-isem tal-bastiment, in-numru tar-reġistrazzjoni jew is-sinjali internazzjonali tas-sejħa bir-radju)
  - ii. It-tipi ta' linji tal-ipproċessar tal-ħut (jekk applikabbli)
  - iii. Meta nbena

- iv. Fejn inbena
- v. Fond iffurmat
- vi. Raġġ
- vii. Tagħmir elettroniku abbord (pereżempju radju, ekosonda, radar, netsonda)
- viii. Isem tas-sid(ien) tal-liċenzja (jekk differenti mis-sid tal-bastiment)
- ix. L-indirizz tas-sid(ien) tal-liċenzja (jekk differenti mis-sid tal-bastiment)
- x. L-isem tal-operatur(i), (jekk differenti mis-sid tal-bastiment)
- xi. L-isem u l-indirizz tal-operatur(i), (jekk differenti mis-sid tal-bastiment)
- xii. L-isem tal-kaptan tal-bastiment
- xiii. In-nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment
- xiv. L-isem tal-kaptan tas-sajd
- xv. In-nazzjonalità tal-kaptan tas-sajd

## ANNEX VI

### Il-Pjan Operazzjonali għas-Sajd għas-sajd esploratorju

Il-Pjan Operazzjonali għas-Sajd irid jinkludi l-informazzjoni li ġejja, sal-punt fejn tkun disponibbli:

- i. deskrizzjoni tas-sajd esploratorju, inkluża ż-żona, l-ispeċijiet fil-mira, il-metodi tas-sajd proposti, il-limiti massimi tal-qbid proposti u kwalunkwe tqassim dak il-limiti ta' qbid bejn iż-żoni u l-ispeċijiet;
- ii. l-ispeċifikazzjoni u d-deskrizzjoni sħiħa tat-tipi ta' rkaptu tas-sajd li għandu jintuża, inkluża kwalunkwe modifika li ssir lill-irkaptu bil-ħsieb li jittaffew l-effetti tas-sajd propost fuq speċijiet mhux fil-mira u assoċjati jew dipendenti jew fuq l-ekosistema tal-baħar li fiha jsir is-sajd
- iii. il-perjodu ta' żmien kopert mill-Pjan Operazzjonali għas-Sajd (sa perjodu massimu ta' tliet snin);
- iv. kwalunkwe informazzjoni bijoloġika dwar l-ispeċijiet fil-mira minn riċerka komprensiva jew vjaġġi ta' sħarriġ, bħad-distribuzzjoni, l-abbundanza, id-dejta demografika u l-informazzjoni dwar l-identità tal-istokkijiet;
- v. id-dettalji ta' speċijiet mhux fil-mira u assoċjati jew dipendenti u l-ekosistema marina li fiha jsir is-sajd, sal-punt fejn dawn aktarx jiġu affettwati mill-attività tas-sajd proposta u kwalunkwe miżura li se tittieħed sabiex jittaffew dawn l-effetti;
- vi. l-impatt kumulattiv antiċipat tal-attività kollha tas-sajd fil-qasam tas-sajd esploratorju jekk ikun applikabbli;
- vii. l-informazzjoni minn sajd ieħor fir-reġjun jew sajd simili f'postijiet oħrajn li tista' tassisti fl-evalwazzjoni tar-rendiment potenzjali tas-sajd esploratorju rilevanti, sal-punt li l-Membru jew is-CNCP ikunu jistgħu jipprovdu din l-informazzjoni;
- viii. jekk l-attività tas-sajd proposta hija t-tkarkir tal-qiegħ, il-valutazzjoni tal-impatt tal-attivitàjiet tat-tkarkir tal-qiegħ tal-bastimenti mmarkati b'konformità mal-Artikoli 10 u 11;
- ix. fejn l-ispeċi fil-mira hija ġestita wkoll minn organizzazzjoni ta' ġestjoni tas-sajd reġjonali kontigwa għall-SPRFMO jew organizzazzjoni simili, deskrizzjoni ta' dak is-sajd fil-qrib li tkun suffiċjenti biex tippermetti lill-Kumitat Xjentifiku jifformula l-parir tiegħu.

## ANNEX VII

### In-notifika ta' trasbord preċedenti

L-Istati Membri jeħtiġilhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja b'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 20:

#### **Id-dettalji tal-bastiment tal-ħatt**

- a. Isem il-bastiment
- b. Numru tar-reġistrazzjoni
- c. Sinjal tas-sejħa bir-radju
- d. Stat tal-bandiera tal-bastiment
- e. Numru tal-OMI/numru tal-IHS Fairplay (jekk ikun applikabbli)
- f. Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

#### **Id-dettalji tal-bastiment riċevitur**

- g. Isem il-bastiment
- h. Numru tar-reġistrazzjoni
- i. Sinjal tas-sejħa bir-radju
- j. Stat tal-bandiera tal-bastiment
- k. Numru tal-OMI / numru tal-IHS Fairplay (jekk ikun applikabbli)
- l. \_\_\_\_\_ Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

## ANNEX VIII

### L-informazzjoni dwar it-trasbord li għandha tingħata mill-osservatur

L-informazzjoni li ġejja trid tiġi pprovduta mill-osservatur li jkun qiegħed josserva t-trasbord, b'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.

#### **I. Dettalji tal-bastiment tas-sajd tal-ħatt**

Isem il-bastiment	
Numru tar-reġistrazzjoni	
Sinjal tas-sejħa bir-radju	
Stat tal-bandiera tal-bastiment	
Numru tal-OMI / numru tal-IHS Fairplay (jekk ikun applikabbli)	
Isem u nazzjonalità tal-kaptan	

#### **II. Dettalji tal-bastiment tas-sajd riċevitur**

Isem il-bastiment	
-------------------	--

Numru tar-reġistrazzjoni	
Sinjal tas-sejħa bir-radju	
Stat tal-bandiera tal-bastiment	
Numru tal-OMI / numru tal-IHS Fairplay (jekk ikun applikabbli)	
Isem u nazjonalità tal-kaptan	

### III. Operazzjoni tat-trasbord

Id-data u l-ħin tal-bidu tat-trasbord (UTC)		
Id-data u l-ħin tat-tlestija tat-trasbord (UTC)		
Jekk it-trasbord isir fuq il-baħar: Il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) tal-bidu tat-trasbord jekk it-trasbord isir fil-port: L-isem, il-pajjiż u l-kodiċi <sup>1</sup> tal-port		
Jekk it-trasbord isir fuq il-baħar: Il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) fit-tlestija tat-trasbord		
Deskrizzjoni tat-tip tal-prodott skont l-ispeċijiet (bħall-ħut sħiħ, iffriżat f'kartun tal-20 kg)		
Speċi	Tip ta' prodott	
Speċi	Tip ta' prodott	
Speċi	Tip ta' prodott	
Numru ta' kartun, piż nett (kg) tal-prodott, skont l-ispeċi.		
Speċi	Kartun	Piż nett
Speċi	Kartun	Piż nett
Speċi	Kartun	Piż nett
Speċi	Kartun	Piż nett
Piż nett totali tal-prodott ittrasbordat (kg)		
Numri tal-istiva fil-bastiment refriġeratur fejn huwa maħżun il-prodott		
Port tad-destinazzjoni u l-pajjiż tal-bastiment tas-sajd riċevitur		
Data stmata tal-wasla		
Data stmata tal-ħatt l-art		

### IV. Osservazzjonijiet (jekk applikabbli)

<sup>1</sup> Kodiċi tan-Nazzjonijiet Uniti għal-Postijiet tal-Kummerċ u tat-Trasport (UN/LOCODE).

---

**V. Verifika**

Isem tal-osservatur	
Awtorità	
Firma u timbru	

**ANNEX IX****L-informazzjoni dwar it-trasbord li għandha tiġi rrapportata wara l-operazzjoni**

B'konformità mal-Paragrafu 1 tal-Artikolu 22, l-Istati Membri tal-bandiera jeħtiġilhom jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara li jkun sar it-trasbord:

**Id-dettalji tal-bastiment tal-ħatt**

- a. Isem il-bastiment
- b. Numru tar-reġistrazzjoni
- c. Sinjal tas-sejħa bir-radju
- d. Stat tal-bandiera tal-bastiment
- e. Numru tal-OMI/numru tal-IHS Fairplay (jekk ikun applikabbli)

**Id-dettalji tal-bastiment riċevitur**

- f. Isem il-bastiment
- g. Numru tar-reġistrazzjoni
- h. Sinjal tas-sejħa bir-radju
- i. Stat tal-bandiera tal-bastiment
- j. Numru tal-OMI / numru tal-IHS Fairplay (jekk ikun applikabbli)
- k. Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

**Dettalji tal-operazzjoni tat-trasbord**

- a. Id-data u l-ħin tal-bidu tat-trasbord (UTC)
- b. Id-data u l-ħin tat-tlestija tat-trasbord (UTC)
- c. Jekk ittrasbordata fil-port:

L-Istat tal-Port, l-isem tal-port u l-kodiċi tal-port.

- d. Jekk ittrasbordata fuq il-baħar:
1. Il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) fil-bidu tat-trasbord (valur deċimali)
  2. Il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) meta jitlesta tat-trasbord (valur deċimali)
- e. Numri tal-istiva fil-bastiment riċevitur li fih huwa maħżun il-prodott
- f. Port destinatariju tal-bastiment riċevitur
- g. Stima tad-data tal-wasla
- h. Stima tad-data tal-ħatt l-art

### **Dettalji tar-riżorsi tas-sajd ittrasbordati**

- i. Speċijiet ittrasbordati

1. Deskrizzjoni tal-ħut, skont it-tip ta' prodott (bħal ħut sħiħ u ffriżati)
2. Numru ta' kartun u piż nett (kg) tal-prodott, skont l-ispeċi
3. Piż nett totali tal-prodott ittrasbordat (kg)

- j. Irkaptu tas-sajd użat

### **Verifika (jekk applikabbli)**

- k. Isem tal-osservatur
- l. Awtorità

## **ANNEX X**

### **Id-dejta tal-osservatur**

Il-bastiment u d-dettalji tal-osservatur għandhom jiġu rreġistrati darba biss għal kull vjaġġ osservat, u jridu jiġu rrapportati b'mod li jorbot id-dejta tal-bastiment mad-dejta meħtieġa fit-Taqsimiet A, B, C, u D.

### **A. Id-dejta tal-bastiment u tal-osservatur li għandha tinġabar għal kull vjaġġ osservat**

#### **1. Id-dejta tal-bastiment li ġejja għandha tinġabar għal kull vjaġġ osservat:**

- (a) Il-bandiera attwali tal-bastiment.
- (b) Isem il-bastiment.
- (c) L-isem tal-Kaptan.
- (d) L-isem tal-Kaptan tal-Bastiment.
- (e) In-numru tar-reġistrazzjoni.

- (f) Is-sinjal internazzjonali tas-sejha bir-radju (jekk għandu).
- (g) In-numru Lloyd's / tal-OMI (jekk allokat).
- (h) Ismijiet Preċedenti (jekk magħrufa).
- (i) Il-port tar-reġistrazzjoni.
- (j) Il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm).
- (k) It-tip ta' bastiment (uża l-kodiċijiet ISSCFV xierqa)
- (l) It-tip ta' metodu/metodi tas-sajd (uża l-kodiċijiet ISSCFG xierqa)
- (m) Tul (m)
- (n) Tip ta' tul eż. "LOA", "LBP"
- (o) Ir-raġġ (m).
- (p) Tunnellaġġ Gross - GT (li għandu jingħata bħala unità ppreferuta tat-tunnellaġġ)
- (q) Tunnellaġġ gross irreġistrat - GRT (li għandu jingħata jekk il-GT ma jkunx disponibbli; jista' jingħata wkoll flimkien mal-GT)
- (r) Is-saħħa tal-magna/magni ewlenija (kilowatts).
- (s) Il-kapaċità tal-istiva (metri kubi).
- (t) Rekord tal-apparat abbord li jista' jaffettwa l-fatturi tas-saħħa tas-sajd  
(l-apparat tan-navigazzjoni, ir-radar, is-sistemi tas-sonar, ir-riċevituri tat-temp bil-faks jew bis-satellita, ir-riċevitur tal-immaġini tat-temperatura tas-superfiċje tal-baħar, il-monitor tal-kurrent Doppler, is-sonda tad-direzzjoni tar-radju), fejn ikun prattiku.
- (u) In-numru totali tal-ekwipaġġ (il-persunal kollu, eskluż l-osservaturi).

**2. Id-dejta tal-osservatur li ġejja għandha tinġabar għal kull vjaġġ osservat:**

- (a) L-isem tal-osservatur.
- (b) L-organizzazzjoni tal-osservatur.
- (c) Id-data tal-imbark tal-osservatur (id-data UTC).
- (d) Il-port tal-imbark.
- (e) Id-data tal-iżbark tal-osservatur (id-data UTC).
- (f) Il-port tal-iżbark

**B. Id-dejta dwar il-qabdi u l-isforz li għandha tinġabar għall-attività tas-sajd bit-**

## **tkarkir**

Id-dejta għandha tinġabar fuq bażi diżaggregata (kalar b'kalar) għat-tkarkir kollu osservat.

### **1. Id-dejta li ġejja għandha tinġabar għal kull kalar tax-xbieki tat-tkarkir:**

- (a) Id-data u l-ħin tal-bidu tal-kalar tax-xbieki bit-tkarkir (il-ħin li fih l-irkaptu jibda jistad - UTC).
- (b) Id-data u l-ħin tat-tmiem tal-kalar tax-xbieki bit-tkarkir (il-ħin li fih jibdeu jittellgħu x-xbieki - UTC).
- (c) Il-pożizzjoni tal-bidu tat-tkarkir (Lat/Lon, riżoluzzjoni ta' minuta - deċimali).
- (d) Il-pożizzjoni tat-tmiem tat-tkarkir (Lat/Lon, riżoluzzjoni ta' minuta - deċimali).
- (e) L-ispeċijiet fil-mira maħsuba (il-kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO).
- (f) It-tip ta' tkarkir, tal-qiegħ jew pelaġiku (użu l-kodiċijiet xierqa għat-tkarkir tal-qiegħ jew pelaġiku mill-istandard tal-ISCCFG għall-istandards għat-tagħmir tas-sajd)
- (g) it-tip ta' xbieki tat-tkarkir: singoli, doppji, jew tripli (S, D jew T).
- (h) L-għoli tal-ftuħ tax-xbieki.
- (i) Il-wisgħa tal-ftuħ tax-xbieki.
- (j) Id-daqs tal-malja tax-xibka tal-manka (malja mġebbda, mm) u t-tip ta' malja (djamant, kwadru, eċċ).
- (k) Il-fond tal-irkaptu (tal-kalament taċ-ċomb) fil-bidu tas-sajd.
- (l) Il-fond tal-qiegħ (qiegħ il-baħar) fil-bidu tas-sajd.
- (m) Il-qabda stmata tal-ispeċijiet kollha (kodiċi tal-ispeċijiet FAO) miżmuma abbord, maqsuma skont l-ispeċijiet, f'piż ħaj (sal-eqreb kg).
- (n) Inqabdu xi mammiferi marini, għasafar tal-baħar, rettili jew speċijiet oħrajn ta' interess? (Iva/Le/Mhux Magħruf)
  - a. Jekk iva, irreġistra n-numri skont l-ispeċijiet kollha tal-mammiferi marini, l-għasafar tal-baħar, ir-rettili jew speċijiet oħra ta' interess li nqabdu.
- (o) Kien hemm xi materjal tal-qiegħ fix-xbieki? (Iva/Le/Mhux Magħruf)
  - a. Jekk iva, irreġistra l-ispeċijiet tal-qiegħ sensitivi fil-qabda tax-xbieki tat-tkarkir, b' mod partikolari l-ispeċijiet vulnerabbli jew li jiffurmaw il-habitats bħall-isponoż, is-sea-fans jew il-qroll.
- (p) Agħmel stima tal-ammont (il-piż jew il-volum) ta' riżorsi marini li għad fadal li ma

għewx irreġistrati taħt l-entrati 2m sa 2o li għew mormija, maqsuma sal-iktar unità tassonomika baxxa magħrufa.

(q) Irregjstra kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni għall-qabda aċċessorja li ntużat:

i. Intużaw lettijiet bin-naffara (linji tori)? (zero/kodiċi tal-apparat - kif deskritt fit-

Taqsim L)

ii. Intużaw naffara tal-għasafar? (zero/kodiċi tal-apparat - kif deskritt fit-

Taqsim N)

iii. Iddeskrivi l-ġestjoni tar-rimi tal-ġewwieni/skart fis-seħħ (aġżel dawk kollha li

japplikaw: l-ebda rimi matul il-kalar u l-irfigħ/ rimi likwidu biss/it-tqegħid

tal-iskart f'lottijiet > sagħtejn/ieħor/ebda).

iv. Kien hemm miżuri oħrajn li ntużaw biex titnaqqas il-qabda aċċessorja ta'

mammiferi marini, għasafar tal-baħar, rettili jew speċijiet oħrajn ta' interess?

(Iva/Le)

Jekk iva, iddeskrivi.

### **C. Id-dejta dwar il-qabdiet u l-isforz li għandha tinġabar għall-attività tas-sajd tat-tartarun tal-borża**

Id-dejta għandha tinġabar fuq bażi diżaggregata (sett b'sett) għas-settijiet tat-tartarun tal-borża kollha osservati.

#### **1. Id-dejta li għejja għandha tinġabar għal kull sett tat-tartarun tal-borża osservat:**

(a) Il-ħin tat-tfittxija totali qabel dan is-sett, mill-aħħar sett.

(b) Id-data u l-ħin tal-bidu tas-sett (il-ħin li fih l-irkaptu jibda jistad - UTC).

(c) Id-data u l-ħin tat-tmiem tas-sett (il-ħin li fih jibdew jittellgħu x-xbieki - UTC).

(d) Il-pożizzjoni tal-bidu tas-sett (Lat/Lon, riżoluzzjoni ta' minuta - deċimali).

(e) It-tul tax-xbieki (m).

(f) L-għoli tax-xbieki (m).

(g) Id-daqs tal-malja tax-xibka (malja mġebbda, mm) u t-tip ta' malja (djamant, kwadru, eċċ)

(h) L-ispeċijiet fil-mira maħsuba (kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO).

(i) Il-qabda stmata tal-ispeċijiet kollha (kodiċi tal-ispeċijiet FAO) miżmuma abbord, maqsuma skont l-ispeċijiet, f'piż ħaj (sal-eqreb kg).

- (j) Inqabdu xi mammiferi marini, għasafar tal-baħar, rettili jew speċijiet oħrajn ta' interess? (Iva/Le/Mhux Magħruf)
  - a. Jekk iva, irreġistra n-numri skont l-ispeċijiet kollha tal-mammiferi marini, l-għasafar tal-baħar, ir-rettili jew speċijiet oħra ta' interess li nqabdu.
- (k) Kien hemm xi materjal tal-qiegħ fix-xibka? (Iva/Le/Mhux Magħruf)
  - a. Jekk iva, irreġistra l-ispeċijiet tal-qiegħ sensitivi fil-qabda, b'mod partikolari l-ispeċijiet vulnerabbli jew li jiffurmaw il-habitats bħall-isponoż, is-sea-fans jew il-qroll.
- (l) L-istima tal-ammont (il-piż jew il-volum) ta' riżorsi marini li għad fadal li ma ġewx irreġistrati taħt l-entrati 2i sa 2k li ġew mormija, maqsuma sal-iktar unità tassonomika baxxa magħrufa.
- (m) Irreġistra u ddeskrivi kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni għall-qabda aċċessorja li ntużat.

**D. Id-dejta dwar il-qabdiet u l-isforz li għandha tinġabar għall-attività tas-sajd bil-konz tal-qiegħ**

Id-dejta għandha tinġabar fuq bażi diżaggregata (sett b'sett) għall-konzijiet kollha osservati.

**1. L-entrati tad-dejta li ġejjin għandhom jinġabru għal kull sett:**

- (a) Id-data u l-ħin tal-bidu tas-sett (il-format UTC).
- (b) Id-data u l-ħin tat-tmiem tas-sett (il-format UTC).
- (c) Il-pożizzjoni tal-bidu tas-sett (Lat/Lon, ir-risoluzzjoni ta' minuta - il-format deċimali).
- (d) Il-pożizzjoni tat-tmiem tas-sett (Lat/Lon, ir-risoluzzjoni ta' minuta - il-format deċimali).
- (e) L-ispeċijiet fil-mira maħsuba (il-kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO).
- (f) Tul totali tal-konz (km).
- (g) In-numru ta' snanar għas-sett.
- (h) Il-fond tal-qiegħ (qiegħ il-baħar) fil-bidu tas-sett.
- (i) In-numru ta' snanar li ġie effettivament osservat (inkluż għall-mammiferi marini, l-għasafar tal-baħar jew speċijiet oħra ta' interess) matul l-irmonk.
- (j) Il-qabda stmata tal-ispeċijiet kollha (il-kodiċi tal-ispeċijiet FAO) miżmuma abbord, maqsuma skont l-ispeċijiet, f'piż ħaj (sal-eqreb kg).

(k) Inqabdu xi mammiferi marini, għasafar tal-baħar, rettili jew speċijiet oħrajn ta' interess? (Iva/Le/Mhux Magħruf)

Jekk iva, irreġistra n-numri skont l-ispeċijiet kollha tal-mammiferi marini, l-għasafar tal-baħar, ir-rettili jew speċijiet oħra ta' interess li nqabdu.

(l) Kien hemm xi materjal tal-qiegħ fil-qabda? (Iva/Le/Mhux Magħruf)

Jekk iva, irreġistra l-ispeċijiet tal-qiegħ sensitivi fil-qabda, b'mod partikolari l-ispeċijiet vulnerabbli jew li jiffurmaw il-ħabitats bħall-isponoż, is-sea-fans jew il-qroll.

(m) L-istima tal-ammont (piż jew volum) ta' riżorsi marini li għad fadal li ma ġewx irreġistrati taħt l-entrati 2j sa 2l li ġew mormija, maqsuma sal-iktar unità tassonomika baxxa magħrufa.

(n) Irreġistra kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni għall-qabda aċċessorja li ntużat:

- i. Intużaw lettijiet bin-naffara? (zero/kodiċi tal-apparat - kif deskritt fit-Taqsima L)
- ii. It-tfiġh tas-settijiet kien ristrett għall-ħin ta' bejn iż-żerniq u l-għabex nawtiku? (Iva/Le)
- iii. X'tip ta' rkaptu ntuża? (piżijiet mal-lett esterni/piżijiet mal-lett interni/linja tat-trot/ieħor)
- iv. Jekk piżijiet mal-lett esterni, iddeskrivi r-reġim tal-piżijiet u l-kaprajjes (bl-użu tal-formola pprovduta fit-Taqsima M)
- v. Jekk piżijiet mal-lett interni, x'inhuwa l-piż tal-qafas tal-lett (grammi għal kull metru)?
- vi. Jekk linja tat-trot, intużaw xbieki tal-cachalotera? (Iva/Le)
- vii. Jekk oħrajn, iddeskrivi

(o) X'mitigazzjoni tal-irfiġh intużat? (purtieri ta' deterrent għall-għasfar/oħrajn/xejn)

Jekk oħrajn, iddeskrivi.

(p) X'kien it-tip ta' lixka? (ħut/klamar/imħallat; ħaj/mejjet/imħallat; iffriżat/maħlul/imħallat)

(q) Iddeskrivi r-rimi ta' kwalunkwe materjal bijoloġiku matul il-kalar u l-irfiġh

(ir-rimi mhux imqiegħed f'lottijiet għal sagħtejn jew aktar/ir-rimi mqiegħed f'lottijiet għal sagħtejn jew aktar/xejn/mhux magħruf)

- (r) Kien hemm miżuri oħrajn li ntużaw biex titnaqqas il-qabda aċċessorja ta' mammiferi marini, għasafar tal-baħar, rettili jew speċijiet oħrajn ta' interess?

(Iva/Le)

Jekk iva, iddeskrivi

## **E. Id-dejta dwar il-frekwenza ta' tul li għandha tinġabar**

Id-dejta rappreżentattiva u kampjunata b'mod aleatorju dwar il-frekwenza ta' tul għandha tinġabar għall-ispeċijiet fil-mira u, jekk jippermetti l-ħin, għal speċijiet ewlenin oħrajn tal-qabdiel aċċessorji. Id-dejta dwar it-tul jenħtiegħ li tinġabar u tiġi rreġistrata fl-iktar livell preċiż xieraq għall-ispeċijiet (cm jew mm u jekk hux imqarrba lejn l-eqreb unità jew lejn l-inqas unità) u jekk it-tip ta' kejl użat (it-tul totali, it-tul tal-furketta, jew it-tul standard) jenħtiegħ li jiġi rreġistrat ukoll. Jekk ikun possibbli, il-piż totali tal-kampjuni ta' tul-frekwenza jenħtiegħ li jiġi rreġistrat, jew stmat u jiġi rreġistrat il-metodu tal-istima, u l-osservaturi jistgħu jintalbu jiddeterminaw is-sess tal-ħuta mkejla sabiex tiġi ġġenerata d-dejta dwar it-tul-frekwenza stratifikata skont is-sess.

### **1. Il-protokoll ta' kampjunar kummerċjali**

- (a) Speċijiet ta' ħut minbarra rebekkini, raj u klieb il-baħar:
- i. it-tul tal-furketta jenħtiegħ li jitkejjel sal-eqreb cm għall-ħut li jikseb tul massimu ta' aktar minn tul tal-furketta ta' 40 cm
  - ii. it-tul tal-furketta jenħtiegħ li jitkejjel sal-eqreb mm għall-ħut li jikseb tul massimu ta' inqas minn 40 cm għat-tul tal-furketta;
- (b) Rebekkini u raj:
- i. wisgħa massima tad-disku li jenħtiegħ li titkejjel
- (c) Klieb il-baħar:
- i. jenħtiegħ li jintgħażel kejl tat-tul xieraq għal kull speċi (ara r-rapport tekniku 474 tal-FAO dwar il-kejl tal-klieb il-baħar). B'mod prestabbilit, jenħtiegħ li jitkejjel it-tul totali.

### **2. Il-protokoll ta' kampjunar xjentifiku**

Għall-kampjunar ta' speċijiet xjentifiku, jista' jkun meħtiegħ li l-kejl tat-tul isir f'riżoluzzjoni aktar fina minn dik speċifikata fil-paragrafu E(1).

## **F. Il-kampjunar bijoloġiku li għandu jitwettaq**

1. Id-dejta bijoloġika li ġejja jenħtieġ li tinġabar għall-kampjuni rappreżentattivi tal-ispeċi fil-mira ewlenija u, jekk il-ħin jippermetti, għal speċijiet oħrajn ewlenin fil-qabda aċċessorja li jikkontribwixxu għall-qabda:
  - (a) Speċi
  - (b) Tul (mm jew cm), flimkien ma' rekord tat-tip ta' kejl tat-tul użat. Il-preċiżjoni u t-tip tal-kejl jenħtieġ li jiġu determinati fuq bażi ta' speċi bi speċi konsistenti ma' dik iddefinita fit-Taqsima E
  - (c) Sess (maskil, femminil, immatur, mingħajr sess)
  - (d) Stadju tal-maturità
2. L-osservaturi jenħtieġ li jiġbru kampjuni tat-tessut, otolit u/jew kampjuni mill-istonku skont programmi ta' riċerka speċifiċi determinati minn qabel u implimentati mill-Kumitat Xjentifiku jew riċerka xjentifika nazzjonali oħra.
3. L-osservaturi għandhom jiġu mgħarrfa u jingħataw protokoll ta' kampjunar tal-frekwenza u bijoloġiċi bil-miktub, fejn ikun xieraq, u l-prijoritajiet għall-kampjunar imsemmi hawn fuq, speċifiku għal kull vjaġġ tal-osservatur.

## **G. Id-dejta li għandha tinġabar dwar il-qabda aċċessorja ta' għasafar tal-baħar, mammiferi, fkieren u speċijiet oħra ta' interess**

1. Id-dejta li ġejja għandha tinġabar għall-għasafar tal-baħar, il-mammiferi, il-fkieren u l-ispeċijiet oħra ta' interess kollha li jinqabdu fl-operazzjonijiet tas-sajd:
  - (a) L-ispeċijiet (identifikati bit-tassonomija sa fejn ikun possibbli, jew akkumpanjati minn ritratti jekk l-identifikazzjoni tkun diffiċli) u d-daqs.
  - (b) Għodd in-numru ta' kull speċi maqbuda għal kull tkarkir jew sett.
  - (c) Destin tal-annimal(i) mill-qabda aċċessorja (miżmum(a) jew rilaxxat(i)/mormi(ja))
  - (d) Jekk mitluqa, l-istat tal-ħajja (vigoruż, ħaj, letarġiku, mejjet) mar-rilaxx.
  - (e) F'każ ta' mewt, iġbor l-informazzjoni adegwata jew il-kampjuni għall-identifikazzjoni fuq l-art b'konformità mal-protokoll ta' kampjunar determinati

minn qabel. Fejn dan ma jkunx possibbli, l-osservaturi jistgħu jiġu mitluba jiġbru sottokampjuni ta' partijiet ta' identifikazzjoni, kif speċifikat fil-protokoll ta' kampjunar bijoloġiku.

(f) Irreġistra t-tip ta' interazzjoni (sunnara/tħabbil fil-ħbula/warp strike/qbid fix-xbieki/oħra)

Fil-każ ta' interazzjoni oħra, ipprova deskrizzjoni.

2. Irreġistra s-sess ta' kull individwu għal kull taxa fejn dan ikun fattibbli mill-osservazzjoni esterna, bħall-pinnipedi, iċ-ċetaċji żgħar jew *Elasmobranchii* u speċijiet ta' interess oħrajn.
3. Kien hemm ċirkostanzi jew azzjonijiet li setgħu kkontribwew għall-avveniment tal-qabda aċċessorja? (pereżempju tħabbil tal-linja tori, livelli għoljin ta' telf tal-lixxiet).

## **H. Id-detezzjoni tas-sajd f'assoċjazzjoni mal-ekosistemi marini vulnerabbli**

1. Għal kull tkarkir osservat, id-dejta li ġejja għandha tinġabar għall-ispeċijiet tal-qiegħ sensitivi kollha li nqabdu, b'mod partikolari l-ispeċijiet vulnerabbli jew li jiffurmaw habitats bħall-isponoż, is-sea-fans, jew il-qroll:

(a) L-ispeċijiet (identifikati bit-tassonomija sa fejn ikun possibbli, jew akkumpanjati minn ritratt jekk l-identifikazzjoni tkun diffiċli);

(b) Stima tal-kwantità (piż (kg) jew volum ( $m^3$ )) ta' kull speċi tal-qiegħ li tkun inqabdet bit-tkarkir;

(c) Stima ġenerali tal-kwantità totali (piż (kg) jew volum ( $m^3$ )) ta' kull speċi tal-qiegħ invertebrata li tkun inqabdet bit-tkarkir;

(d) Fejn ikun possibbli, u b'mod partikolari għall-ispeċijiet ġodda jew skarsi tal-qiegħ li ma jidhrux fil-gwidi tal-ID, il-kampjuni sħaħ jenħtieġ li jinġabru u jiġu ppreżervati b'mod xieraq għall-identifikazzjoni fuq l-art.

## **I. Id-dejta li għandha tinġabar għall-irkupru tal-identifikazzjonijiet kollha**

1. Id-dejta li ġejja għandha tinġabar għall-identifikazzjonijiet kollha rkuprati tal-ħut, l-għasafar tal-baħar, il-mammiferi jew ir-rettili jekk l-organiżmu jkun mejjet, jew għandu jinżamm, jew ikun ħaj:

(a) Isem tal-osservatur

- (b) Isem tal-bastiment.
  - (c) Sinjal tas-sejħa tal-bastiment.
  - (d) Bandiera tal-bastiment.
  - (e) Iġbor u mmarka (bid-dettalji kollha ta' hawn isfel) u aħżen l-identifikazzjonijiet attwali sabiex jiġu rritornati aktar tard lill-aġenzija responsabbli mill-identifikazzjoni.
  - (f) Speċi minn fejn ġiet irkuprata l-identifikazzjoni.
  - (g) Kulur u tip ta' identifikazzjoni (spaghetti, arkivji).
  - (h) In-numri tal-identifikazzjoni (in-numru tal-identifikazzjoni għandu jingħata għall-identifikazzjonijiet kollha meta t-tabelli multipli jkunu ġew mehmuża ma' ħuta waħda. Jekk ġiet irreġistrata tabella waħda biss, hija meħtieġa dikjarazzjoni li tispeċifika jekk l-identifikazzjoni l-oħra kinitx nieqsa jew le). Jekk l-organiżmu huwa ħaj u jista' jiġi rilaxxat, l-informazzjoni tal-identifikazzjoni jenħtieġ li tinġabar b'konformità mal-protokoll tal-kampjunar determinati minn qabel.
  - (i) Id-data u l-ħin tal-qbid (UTC).
  - (j) Il-post tal-qbid (Lat/Lon, sal-eqreb minuta)
  - (k) It-tul/id-daqs tal-annimal (cm jew mm) b'deskrizzjoni ta' liem kejl ittieħed (bħat-tul totali, it-tul tal-furketta, eċċ). Il-miżuri tal-kejl jenħtieġ li jinġabru skont il-kriterji ddefiniti fit-Taqsima E.
  - (l) Sess (F=femminili, M=maskili, I=Indeterminat, D=mhux eżaminat)
  - (m) Jekk l-identifikazzjonijiet instabux matul perjodu ta' sajd li kien qiegħed jiġi osservat (Iva/Le)
  - (n) Informazzjoni dwar il-premjju (eż. l-isem u l-indirizz fejn għandu jintbagħat il-premjju)
- (Huwa rikonoxxut li parti mid-dejta rreġistrata hawnhekk tirdoppja d-dejta li diġà teżisti fil-kategoriji preċedenti tal-informazzjoni. Dan huwa neċessarju minħabba li l-informazzjoni dwar l-irkupru tal-identifikazzjoni tista' tintbagħat separatament lil dejta oħra tal-osservaturi.)

## **J. Il-ġerarkiji għall-ġbir tad-dejta tal-osservaturi**

1. Peress li ġie rikonoxxut li l-osservaturi mhux bilfors ikunu kapaċi jiġbru d-dejta kollha deskritta f'dawn l-istandards fuq kull vjaġġ, il-ġerarkija ta' prijoritajiet

għandha tiġi implimentata għall-ġbir tad-dejta tal-osservaturi. Il-prijoritajiet tal-kompiti tal-osservatur speċifiċi għall-vjaġġ jew għall-programm jistgħu jiġu żviluppati bħala rispons għar-rekwiżiti ta' programm tar-riċerka speċifiku, f'liema każ dawn il-prijoritajiet jenħtieġ li jiġu segwiti mill-osservaturi.

2. Fin-nuqqas ta' priyoritajiet speċifiċi għall-vjaġġ jew il-programm, l-osservaturi jenħtieġ li jsegwu l-prijoritajiet ġeneralizzati li ġejjin:

(a) Informazzjoni dwar l-Operazzjoni tas-Sajd

i. L-informazzjoni kollha dwar il-bastiment u t-tkarkir/is-sett/l-isforz.

(b) Rappurtar tal-Qabdiet

i. Irreġistra l-ħin, u l-piż tal-qabda kkampjunata meta mqabbla mal-qabda jew l-isforz totali (pereżempju n-numru ta' snanar) u n-numri totali ta' kull speċi maqbuda.

ii. L-identifikazzjoni u l-għadd tal-għasafar tal-baħar, il-mammiferi, ir-rettili (il-fkieren), l-ispeċijiet tal-qiegħ sensitivi u l-ispeċijiet vulnerabbli.

iii. Irreġistra n-numri jew il-piżijiet ta' kull speċi miżmuma jew mormija.

iv. Irreġistra l-każijiet ta' ħtif, fejn ikun xieraq.

(c) Kampjunar Bijoloġiku

i. Iċċekkja għall-preżenza ta' identifikazzjonijiet.

ii. Dejta ta' tul-frekwenza għall-ispeċijiet fil-mira.

iii. Dejta bijoloġika bażika (sess, maturità) għall-ispeċijiet fil-mira.

iv. Dejta ta' tul-frekwenza għall-ispeċijiet tal-qabda aċċessorja ewlenija.

v. Otoliti (u kampjuni mill-istonku, jekk qegħdin jinġabru) għall-ispeċijiet fil-mira.

vi. Dejta bijoloġika bażika għall-ispeċijiet tal-qabda aċċessorja.

vii. Kampjuni bijoloġiċi tal-ispeċijiet tal-qabda aċċessorja (jekk ikunu qegħdin jinġabru)

viii. Hu ritratti

(d) Ir-rappurtar tal-qabdiet u l-proċeduri tal-kampjunar bijoloġiku jenħtieġ li jingħataw priyorità fost il-gruppi tal-ispeċijiet kif ġej:

Speċi	Il-prijorità (1 hija l-oġhla)
L-ispeċijiet primarji fil-mira (bħas-sawrell, għas-sajd pelaġiku, u l-mera tal-Atlantiku għas-sajd demersali)	1
Għasafar tal-baħar, mammiferi, rettili (fkieren) jew speċijiet oħra ta' interess	2
Speċijiet oħrajn ġeneralment fl-ewwel ħamsa fil-post fejn isir is-sajd (bħas-sawrella kaħla għas-sajd pelaġiku, u l-oreos u l-fonsa ħamra għas-sajd demersali)	3
L-ispeċijiet l-oħrajn kollha	4

L-allokkazzjoni tal-isforz tal-osservatur fost dawn l-attivitajiet se tiddependi fuq it-tip ta' operazzjoni u ssettjar. Id-daqs tas-sottokampjuni relattiv għall-kwantitajiet mhux osservati (bħan-numru ta' snanar eżaminati għall-kompożizzjoni tal-ispeċijiet relattiv għan-numru ta' snanar imqiegħda) jenħtieġ li jiġi rreġistrat b'mod espliċitu taħt il-gwida tal-programmi tal-osservaturi tal-Partijiet Kontraenti u tas-CNCP.


#### **K. L-ispeċifikazzjonijiet tal-ikkowdjar li għandhom jintużaw għar-reġistrazzjoni tad-dejta tal-osservaturi**

1. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor għat-tipi ta' dejta speċifika, id-dejta tal-osservaturi għandha tingħata b'konformità mal-istess speċifikazzjonijiet tal-ikkowdjar kif speċifikat f'din it-taqsim.
2. Il-Ħin Universali Koordinat (UTC) għandu jintuża biex jiġu deskritti l-ħinijiet.
3. Il-gradji deċimali għandhom jintużaw biex jiġu deskritti l-postijiet.
4. L-iskemi ta' kowdjar li ġejjin għandhom jintużaw:
  - (a) l-ispeċijiet għandhom jiġu deskritti bl-użu tal-kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO bi tliet ittri;
  - (b) il-metodi tas-sajd għandhom jiġu deskritti bl-użu tal-kodiċijiet tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Irkaptu tas-Sajd (ISSCFG - 29 ta' Lulju 1980);
  - (c) it-tipi ta' bastiment tas-sajd għandhom jiġu deskritti skont il-kodiċijiet tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Bastimenti tas-Sajd (ISSCFV).

5. L-unitajiet metriċi tal-kejl li għandhom jintużaw, speċifikament:
- il-kilogrammi għandhom jintużaw biex jiġi deskritt il-piż tal-qabda;
  - il-metri għandhom jintużaw biex jiġu deskritti l-għoli, il-wisgħa, il-fond, ir-raġġ jew it-tul;
  - il-metri kubi għandhom jintużaw biex jiġi deskritt il-volum;
  - il-kilowatts għandhom jintużaw biex tiġi deskritta s-saħħa tal-magna.

## L. Il-formola tad-deskrizzjoni tal-arblu għal-lettijiet bin-naffara


Deskrizzjoni Ġenerali tal-Lett bin-Naffara:	
Numru tal-Vjaġġ	<input type="text"/>
Kodiċi tat-tagħmir tal-lett bin-naffara	Pożizzjoni tal-lett bin-naffara <input type="text"/>



KODIĊIJET TAL-LETTIJET BIN-NAFFARA/ OPZJONIJET TAL-LISTA:				
Pożizzjoni	Disinn	Oġġetti Irmunkat	Materjal	Kulur
Bord ix-Xellug	Singolu	F = Lenbut invertit/kon plastik	T = Tubu tal-plastik	P = Roża
Bord il-Lemin	Akkoppjat	L = Tul tal-arblu l-oħxon	S = Ċintorin tal-plastik	R = Aħmar
Poppa		K = Ċoff jew ħolqa ta' linja ħoxna	O = Oħrajn	C = Karrotta (Oranġjo)
		B = Baga		Y = Isfar
		N = Baga f'xibka		G = Aħdar
		S = Xkora jew basket		B = Blu
		W = Piż		W = Kannella
		Z = Ebda oġġetti irmunkat		F = Kulur skulurit (kwalunkwe kulur)


Sommarju tal-Valuri Indikati:			
Numru tal-vjaġġ		Distanza bejn in-naffara	
Kodiċi tat-tagħmir tal-lett bin-naffara		Tul tan-naffara (min)	
Pożizzjoni tal-lett bin-naffara		Tul tan-naffara (mass)	
Tul tal-linja prinċipali		Kulur tan-naffara	
Tul tal-kopertura tal-wiċċ		Materjal tan-naffara	
Ġħoli fiss fuq l-ilma		Numru ta' naffara	
Materjal tal-lett bin-naffara		Oġġett imunkat	
Disinn tal-lett bin-naffara		Kummenti addizzjonali	

### M. Formola tad-deskrizzjoni tal-piżijiet tal-lett esterni



Sommarju tal-Valuri Indikati:			
Linja Waħda jew Doppja?		Numru ta' snanar bejn il-kaprajjes tal-wiċċ u l-ankra	
Massa medja ta' piżijiet		Numru ta' snanar bejn il-kaprajjes tal-ilma tal-pjan	
Distanza bejn il-kaprajjes tal-ilma tal-pjan u l-linja prinċipali		Numru ta' snanar bejn il-piżijiet	
Distanza bejn il-linja u l-piż		Kummenti addizzjonali	

### N. Formola ta' deskrizzjoni tan-naffara tal-għasafar



Sommarju tal-Valuri Mdaħħla	
• Distanza mill-Poppa	
<b>Torri tal-ġenb</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Tul tat-torri</li> <li>• Numru ta' naffara</li> <li>• Distanza medja bejn in-naffara</li> <li>• Għoli 'l fuq mill-ilma</li> <li>• Kulur tan-naffara</li> <li>• Materjal tan-naffara</li> </ul>	<b>Torri ta' wara</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Tul tat-torri</li> <li>• Numru ta' naffara</li> <li>• Distanza medja bejn in-naffara</li> <li>• Għoli 'l fuq mill-ilma</li> <li>• Kulur tan-naffara</li> <li>• Materjal tan-naffara</li> </ul>
<b>Purtiera tal-ġenb ta' wara</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Tul tal-purtiera</li> <li>• Numru ta' naffara</li> <li>• Distanza medja bejn in-naffara</li> <li>• Għoli 'l fuq mill-ilma</li> <li>• Kulur tan-naffara</li> <li>• Materjal tan-naffara</li> </ul>	<b>Purtiera ta' wara</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Tul tal-purtiera</li> <li>• Numru ta' naffara</li> <li>• Distanza medja bejn in-naffara</li> <li>• Għoli 'l fuq mill-ilma</li> <li>• Kulur tan-naffara</li> <li>• Materjal tan-naffara</li> </ul>

**O. L-istandard għad-dejta tal-osservatur miġbura matul il-ħatt l-art jew waqt li bastiment jinsab fil-port**

Fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, u jħottu l-art speċijiet mhux ipproċessati (jiġifieri sħaħ u mingħajr ma tkun tneħħiet ebda parti mill-ħut) ġestiti mill-SPRFMO, u fejn dan il-ħatt l-art jiġi osservat, il-Partijiet Kontraenti u s-CNCPs jistgħu jiġbru u jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

1. Id-dejta tal-bastiment li ġejja għal kull ħatt l-art osservat:

- (a) Il-bandiera attwali tal-bastiment
- (b) Isem il-bastiment
- (c) In-numru tar-reġistrazzjoni tal-bastiment tas-sajd
- (d) Is-sinjali internazzjonali tas-sejha bir-radju (jekk għandu)
- (e) In-numru Lloyd's / tal-OMI (jekk allokat)
- (f) It-tip ta' bastiment (uża l-kodiċijiet ISSCFV xierqa)
- (g) It-tip ta' metodu/metodi tas-sajd (uża l-kodiċijiet ISSCFG xierqa)

2. Id-dejta tal-osservatur li ġejja għal kull ħatt l-art osservat:

- (a) L-isem tal-osservatur
- (b) L-organizzazzjoni tal-osservatur
- (c) Il-pajjiż tal-ħatt l-art (il-kodiċijiet tal-pajjiż ISO 3-alpha standard)
- (d) Port/Punt tal-ħatt l-art

3. Id-dejta li ġejja għal kull ħatt l-art osservat:

- (a) Id-data u l-ħin tal-ħatt l-art (il-format UTC)
- (b) L-ewwel jum tal-vjaġġ – sal-punt prattikabbli
- (c) L-aħħar jum tal-vjaġġ – sal-punt prattikabbli
- (d) Iż-żona tas-sajd indikattiva (deċimali Lat/Long, ir-riżoluzzjoni ta' minuta – sal-punt prattikabbli)
- (e) L-ispeċijiet ewlenin fil-mira (il-kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO)
- (f) L-istat tal-ħatt l-art skont l-ispeċijiet (il-kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO)
- (g) Il-piż li nħatt l-art (ħaj) skont l-ispeċijiet (kilogrammi) għall-avveniment tal-ħatt l-art li qiegħed jiġi osservat

Barra minn hekk, il-ġbir tad-dejta ta' tul-frekwenza, tad-dejta Bijoloġika u/jew tad-dejta tal-irkupru tal-identifikazzjoni jenħtieġ li ssegwi l-istandards deskritti fil-paragrafi E, F u I rispettivament ta' dan l-Anness għal dawk l-ispeċijiet osservati matul il-ħatt l-art jew waqt li l-bastiment ikun fil-port.

Il-Partijiet G (il-qabda aċċessorja) u H (VMEs) mhumiex meqjusa rilevanti għall-ħatt l-art osservat. Madankollu, l-istandards deskritti fil-paragrafi I (Irkupru tal-identifikazzjoni), J (Ġerarkiji) u K (Speċifikazzjonijiet tal-ikkowdjar) xorta waħda jenħtieġ li jiġu segwiti meta jkun applikabbli.

## ANNEX XI

### It-talba għal waqfa fil-port

#### Identifikazzjoni tal-Bastiment:

Isem il-Bastiment	Bandiera tal-Bastiment	Numru tal-OMI tal-bastiment	Sinjal tas-sejħa	Identifikazzjoni Esterna

#### Dettalji tal-Waqfa fil-Port:

Il-port tal-waqfa previst <sup>2</sup>	Stat tal-	Skop <sup>3</sup> tal-waqfa fil-port	Data stmata tal-wasla	Ħin stmat tal-wasla	Data attwali

#### Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO miżmuma abbord:

Speċi	Żona ta' qbid FAO	Stat tal-prodott	Kilogrammi totali miżmuma abbord	Ammont li għandu jiġi Trasbordat/Jin ħatt l-art	Riċevitur tal-ammont Trasbordat/li nħatt l-art

Jekk ebda speċi jew prodott tal-ħut SPRFMO li joriġina minn dawn l-ispeċijiet ma jinżamm abbord, immarka "nil".

#### Dettalji tal-awtorizzazzjoni tas-sajd rilevanti:

<sup>2</sup> Dan jenħtieġ li jkun port magħżul kif elenkat fir-reġistru tal-portijiet tal-SPRFMO

<sup>3</sup> Eż. Ħatt l-art, Trasbord, riforniment.

Identifikatur	Maħruġ minn	Validità	Żona/żoni tas-sajd	Speċi	Irkaptu <sup>4</sup>

- Hija mehmuża kopja tal-lista tal-ekwipaġġ? IVA/LE

## ANNEX XII

### Ir-riżultati tas-sommarju tal-ispezzjoni tal-port

#### **Dettall tal-ispezzjoni:**

Rapport tal-ispezzjoni numru		Isem tal-Ispettur Prinċipali	
Stat tal-Port		Awtorità tal-ispezzjoni	
Port ta' spezzjoni		Raġuni għas-sejħa	
Data tal-bidu tal-ispezzjoni		Ħin tal-bidu tal-ispezzjoni	
Data tat-tmiem tal-ispezzjoni		Ħin tat-tmiem tal-ispezzjoni	
Ġiet irċevuta notifikazzjoni minn qabel?		Id-dettalji tan-notifikazzjoni minn qabel kienu konsistenti mal-ispezzjoni?	

#### **Dettalji dwar il-bastiment:**

Isem il-bastiment		Bandiera tal-Bastiment	
It-tip ta' bastiment		L-IRCS	
L-identifikazzjoni esterna		In-numru tal-OMI	
Sid il-bastiment			
Operatur tal-bastiment			

<sup>4</sup> Jekk l-awtorizzazzjoni hija limitata għat-trasbord, allura mmarka "trasbord" bħala l-irkaptu

Il-kaptan tal-bastiment (u n-nazzjonalità)			
L-aġent li jirrappreżenta l-bastiment			
Huwa preżenti VMS?		Tip tal-VMS	

**Awtorizzazzjonijiet tas-sajd rilevanti:**

Identifikatur tal-awtorizzazzjoni		Maħruġ minn	
Validità		Iż-żoni tas-sajd	
Speċi		Irkaptu <sup>5</sup>	
Il-bastiment qiegħed fuq il-lista tal-bastimenti awtorizzati tal-SPRFMO?		Huwa attwalment awtorizzat?	

**Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO li ġew skarikati (matul din il-waqfa fil-port):**

Speċi	Żona FAO tal-qbid	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata skarikata	Kwantità skarikata

**Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO miżmuma abbord:**

Speċi	Żona FAO tal-qbid	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata miżmuma abbord	Kwantità miżmuma abbord

<sup>5</sup> Jekk l-awtorizzazzjoni hija għat-trasbord, allura mmarka "trasbord" bħala l-irkaptu.

**Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO irċevuti mit-trasbord (matul din il-waqfa fil-port):**

<b>Speċi</b>	<b>Żona FAO tal-qbid</b>	<b>Stat tal-prodott</b>	<b>Kwantità ddikjarata rċevuta</b>	<b>Kwantità rċevuta</b>

**Eżamijiet u sejbiet:**

<b>Taqsim</b>	<b>Kummenti</b>
Eżami tal-ġurnal ta' abbord u dokumentazzjoni oħra	
Tip ta' rkaptu abbord	
Sejbiet mill-ispetturi	
Ksur allegat (inkludi referenza għall-istrumenti legali rilevanti)	
Il-kummenti tal-kaptan	
Azzjonijiet meħuda	
Firma tal-kaptan	

Firma tal-ispettur

### ANNEX XIII

#### Lista ta' "speċijiet oħrajn ta' interess"

<b>Isem Xjentifiku</b>	<b>Isem bl-Ingliż</b>	<b>Kodiċi 3-alfa</b>
<i>Carcharhinus longimanus</i>	Kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku	OCS
<i>Carcharodon carcharias</i>	Kelb il-baħar abjad	WSH
<i>Cetorhinus maximus</i>	Gabdoll	BSK
<i>Lamna nasus</i>	Pixxiplamtu	POR
<i>Manta spp.</i>	Manta ġiganta	MNT
<i>Mobula spp.</i>	Raja mobula	RMV
<i>Rhincodon typus</i>	Kelb il-baħar baliena	RHN